# Sittin Sena Soċjetà tal-M.U.S.E.U.M. fil-Fgura

Is-Superjur Alan Caruana

Meta naslu għal 60 sena, il-ħsieb tagħna jkun lejn il-pensjoni; wasal iż-żmien tal-irtirar!

Sittin sena ilu l-MUSEUM fil-Fgura sar Qasam formalment għalih. Is-Soċjetà tal-MUSEUM bdiet fil-Ħamrun fl-1907. Fl-1931 u fis-snin ta' wara, l-ewwel soċji tal-MUSEUM bdew jiġu minn Bormla, Ħal Tarxien, Raħal Ġdid u ż-Żejtun biex jgħallmu l-Fgura.

Wara 29 sena, fid-29 ta' Settembru 1960, is-Superjur Ġenerali ta' dak iż-żmien, is-Serv t'Alla Ewġenju Borg, għolla l-fergħa tal-Fgura għal grad ta' Qasam awtonomu bl-ewwel Superjur ikun Ġużeppi Abela. F'dak iż-żmien, il-Qasam kien f'numru 60 Triq il-Karmnu, waħda mit-toroq prinċipali tal-Fgura ta' dak iż-żmien. Fil-Milied imbagħad ġie inkorporat l-ewwel Fguri bħala soċju, Nazzareno Farrugia. Fl-1962, sar Superjur Gianmarì Xuereb. Dan kien żmien li l-Fgura bdiet tikber b'rata mgħaġġla. Is-Superjur Xuereb dam imexxi tliet snin. Fl-1965, is-Soċjetà ħatret lil Nazzareno Farrugia bħala t-tielet Superjur. Żaren, kif kulħadd kien jafu, dam imexxi għal 35 sena sħaħ! Iżda peress li n-numru ta' tfal kien qed jikber ħafna, il-problema bdiet tkun l-ispazju. Barra dan, fl-1970 żdiedet il-problema li sid il-post li kien jintuża bħala MUSEUM ried il-post għalih u b'hekk il-membri u t-tfal spiċċaw bla post, tant li t-tagħlim kien isir fil-kunvent tal-patrijiet, fiċ-ċentru parrokkjali u għal xi żmien anke kellu jieqaf peress li ma kienx hemm post fiss.




MUSEUM IL-FGURA
IS-60 ANNIVERSARJU
1960-2020

Fl-1973, benefattur offra art fi Triq il-Karmelitani bi prezz tajjeb ħafna biex tkun tista' tinbena bħala MUSEUM. Imma dan kellu jieħu ż-żmien u kien jinvolvi ħafna spejjeż. Għalhekk xorta riedu post ieħor fejn setgħu imorru b'mod immedjat. Is-soċji saru jafu bi flat ġdid fi Triq Mater Boni Consigli kantuniera ma' Triq San Ġorġ Preca. Is-Soċjetà tal-MUSEUM daħlet biex tixtri dan il-post u beda jintuża fid-29 ta' Settembru 1979.

Għaxar snin wara beda x-xogħol biex jibda tiela' l-MUSEUM tal-Fgura fi Triq il-Karmelitani. Iżda mill-ewwel inqalgħu problemi serji li waqqfu x-xogħol għal erba' snin. Fl-1993 kompla x-xogħol bit-tħabrik ta' membri u benefatturi biex jinġabru l-flus kbar li kien hemm bżonn għall-MUSEUM kbir bħal dak. Meta x-xogħol kien miexi ġmielu, f'Marzu tas-sena 2000, is-Superjur Ġenerali ħatar lis-soċju Joseph Fenech biex imexxi l-Qasam tal-Fgura wara ż-żmien twil tas-Superjur Żaren.

F'Mejju 200, bdiet tintuża l-ewwel parti tal-MUSEUM u nxtrat ukoll biċċa art oħra biex tintuża bitħa. Il-5 ta' Mejju 2002 kienet ġurnata oħra importanti fl-istorja tal-MUSEUM. Dakinhar sar il-ftuħ uffiċjali tal-Qasam. Is-Superjur Ġenerali tal-MUSEUM fetaħ il-Qasam u tbierek mill-Provinċjal





tal-Karmelitani.

Minn dan il-post kbir u sabiħ il-MUSEUM seta' jwassal dejjem b'mod frisk u modern il-messaġġ tal-Evanġelju, biex Ġesù jkun magħruf u maħbub.

Illum, 60 sena wara l-ftuħ tal-MUSEUM, altru milli ma wasalx iż-żmien tal-irtirar! Illum il-Qasam tal-MUSEUM fil-Fgura hu post mimli bil-ħajja li jġibu magħhom it-tfal u ż-żgħażagħ. Il-ħidma tinqasam bejn ħidma mat-tfal li qed jippreparaw għas-sagramenti u wkoll għaż-żgħażagħ li jattendu b'mod regolari. Kuljum jinħoloq grupp sabiħ ta' familja permezz ta' laqgħat, logħob, ħruġ u attivitajiet varji. Għall-adulti jsiru laqgħat tal-Bibbja darba fix-xahar u Ġimgħa ta' Tagħlim darba fis-sena.

Il-ħinijiet tal-ftuħ tal-MUSEUM huma:
Preparatorja 1 (twieldu fl-2010): It-Tnejn u t-Tlieta. Ikollhom il-logħob fis-6.30pm u laqgħa bejn is-7.00pm u s-7.30pm.

Preparatorja 2 (twieldu fl-2009 – jippreparaw għall-Griżma): Il-Ħamis, il-Ġimgħa u s-Sibt. Ikollhom il-logħob fis-6.30pm u l-laqgħa bejn is-7.00pm u





s-7.30pm. Is-Sibt il-logħob ikun sat-8.00pm.

Magħżulin 1 (twieldu fl-2008 – għamlu l-Griżma din is-sena): Kuljum barra l-Erbgħa. Jiltaqgħu għal-logħob fis-6.30pm u laqgħa bejn is-7.00pm u s-7.30pm. Is-Sibt logħob sat-8.00pm. Ġieli jkollna xi ħarġa l-Ħadd skont kif navżaw.

Magħżulin 2 u Aspiranti (dawk li twieldu fl-2007 u ikbar): Kuljum barra l-Erbgħa niltaqgħu għal-logħob fis-6.30pm u jkollna laqgħa bejn is-7.30pm u t-8.00pm. Attivitajiet varji s-Sibt u l-Ħadd.

(Għal dawk li twieldu wara l-2010, id-dettalji jingħataw mill-MUSEUM minħabba ċ-ċirkustanzi speċjali li qed ngħixu bħalissa.)

Talba f'għeluq is-60 sena MUSEUM fil-Fgura:
Alla Missier jiena noffrilek il-pjagi Divini ta' Kristu Ibnek biex nirringrazzjak għal kemm grazzji inti tajt lill-Qasam tagħna. Kompli bierek il-ħidma li ssir u lil kull min jattendi fih. Nitolbuk tkompli ssejjaħ aktar żgħażagħ minn fostna biex ikomplu din il-ħidma tiegħek bħala soċji fil-MUSEUM.

